**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/040 |
| **Allegazzjoni:** | Nuqqas ta' ħlas ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u nuqqasijiet fid-dikjarazzjoni tal-assi tal-Membru Parlamentari David Thake |
| **Rapportat Minn:** | David Thake u Cressida Galea |
| **Data tar-Rapporti:** | 30 ta' Diċembru 2021 u 11 ta' Jannar 2022 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | [-] ta' Settembru 2022 |

**L-Ilment**

1. Fit-30 ta' Diċembru 2021, il-gazzetta *Times of Malta* ppubblikat rapport dwar kumpanija tas-Sur David Thake dak iż-żmien membru parlamentari, fejn ġie allegat li ammonti ta' VAT baqgħu mhux imħallsin mill-istess kumpanija. Dan ir-rapport allega li s-Sur Thake naqas fid-doveri tiegħu bħala l-persuna responsabbli għal din l-istess kumpanija, billi huwa kien l-uniku l-azzjonista u direttur.[1]

2. Dakinhar stess is-Sur Thake kitibli (email annessa u mmarkata bħala Dokument A) u talabni ninvestiga l-allegazzjonijiet li ġew ippubblikati fil-gazzetta.

[1] Ara https://timesofmalta.com/articles/view/pn-mp-david-thakes-firm-owes-some-270000-in-unpaid-vat.924541.

3. Fid-9 ta' Jannar 2022 il-gazzetta *MaltaToday* ippubblikat rapport li allega li kumpanija oħra li tagħha s-Sur Thake kien l-uniku azzjonist ukoll naqset li tħallas il-VAT dovut minnha.[2]

4. Fil-11 ta' Jannar 2022, permezz ta' email, jiena irċevejt ilment mingħand is-Sa Cressida Galea, illum membru parlamentari (l-Ilmentatriċi), fejn talbitni ninvestiga l-aġir tas-Sur Thake (email annessa u mmarkata bħala Dok. B). L-Onor. Galea irreferiet għall-imsemmi rapporti u qalet fost affarijiet oħra li:

> *Bejn iż-żewġ kumpaniji qed nitkellmu fuq iktar minn €820,000 f' VAT mhux imħallas.*
>
> *Minn dak irrapportat, jirriżulta li l-misappropriazzjoni ta' VAT ilha għaddejja snin.*
>
> *Għalkemm id-deputat parlamentari jipprova jinħeba wara l-pandemija, mir-rapportaġġ deher ċar li hemm nuqqasijiet li jmorru lil hinn mill-pandemija. Fi kliem ieħor ħlas ta' taxxa li kellu jsir qabel feġġet il-pandemija, li l-Onorevoli Thake qiegħed jinħeba warajha. Wieħed irid jara wkoll jekk kienx eleġibbli għall-iskemi li qed jinħeba warajhom minħabba n-nuqqasijiet tal-imgħoddi (regoli annessi)*
>
> *Ċertament li dak żvelat mhux kompatibbli ma' mġieba mistennija minn membru parlamentari.*
>
> *Permezz tal-kumpaniji tiegħu, l-Onorevoli Thake żamm għalih innifsu mijiet ta' eluf ta' Ewro miġbura minnu mingħand in-nies, fuq medda ta' żmien, f'isem il-Kummissarju tat-Taxxi. L-Onorevoli Thake kellu responsabilità personali li jiżgura li l-ħlasijiet ta' taxxa jiġu effetwati, liema ħlasijiet jidher biċ-ċar li ma sarux.*
>
> *L-aġir tal-Onorevoli Thake jassumi dimensjoni oħra għaliex bħala membru parlamentari li konsistentement jitkellem fuq il-governanza, wieħed jistenna li jipprattika dak li tant jisħaq fuqhu.*

---

[2] Ara https://www.maltatoday.com.mt/news/national/114239/david_thakes_business_filed_no_accounts_for_10_years_has_550000_vat_bill#.Yza2GXZByUk.

5. L-Ilmentatriċi annettiet iż-żewġ rapporti tal-gazzetti *Times of Malta* u *MaltaToday*. L-Ilmentatriċi annettiet ukoll kopja ta' paġna mis-sit elettroniku tal-Kummissarju tat-Taxxi li tispjega l-iskema għad-differiment tat-taxxa rilevanti (annessa bħala Dokument Ċ).

**Il-Kuntest**

6. Fit-30 ta' Diċembru 2021, il-gazzetta *the Times of Malta* ppubblikat artiklu bit-titolu "*PN MP David Thake's firm owes some €270,000 in unpaid VAT*". L-istess artiklu indika illi s-Sur Thake kien responsabbli personalment għat-taxxa mhux imħallsa mill-kumpanija, però li kien qed jikkommunika mad-Dipartiment tat-Taxxa sabiex jiġi f'arranġament għall-ħlas tal-ammonti dovuti.

7. Fid-9 ta' Jannar 2022, il-gazzetta *MaltaToday* ippubblikat rapport bit-titlu "*David Thake's business filed no accounts for 10 years, has €550,000 VAT bill*". Dan ir-rapport allega illi kumpanija oħra tas-Sur Thake, fejn kien ukoll l-azzjonista unika u direttur, kellha tħallas madwar €550,000 VAT li kienu dovuti. L-istess rapport allega illi din it-tieni kumpanija kellha ukoll tissottometti kontijiet annwali għall-aħħar għaxar snin.

8. Fil-każ taż-żewġ rapporti li dehru fil-media, is-Sur Thake ta risposti għall-allegazzjonijiet lill-gazzetti, u sostna illi ħafna mill-VAT li kienet dovuta kienet ġiet differita minħabba skema promulgata mill-Gvern waqt il-pandemija tal-COVID-19 sabiex kumpaniji Maltin setgħu jkomplu joperaw u jimpjegaw lin-nies.

9. Fil-każ tal-ewwel kumpanija (Kumpanija A), is-Sur Thake sostna illi mill-ammont globali ta' €270,440 dovuti lid-Dipartiment tat-Taxxa, €233,515 minnhom kienu taxxa biss (mhux inkluż pieni u imgħaxijiet).

10. Fil-każ tat-tieni kumpanija (Kumpanija B), is-Sur Thake sostna illi l-ammont totali kif irrapportat, ta' €502,315 VAT, kien ġie akkumulat matul il-pandemija u għalhekk dak l-ammont kien ġie differit taħt l-istess skema.

11. L-iskema li għaliha rrefera s-Sur Thake hija l-iskema "COVID-19 Fiscal Assistance – Postponement of Payment of Certain Taxes".[3] Din kienet skema għad-differiment ta' diversi taxxi matul il-pandemija tal-COVID-19. L-għan ta'

[3] Ara https://cfr.gov.mt/en/News/Pages/2020/Fiscal-Assistance-Postponement-of-Payment-of-Certain-Taxes.aspx. Id-dokument Ċ huwa riproduzzjoni ta' din il-paġna.

din l-iskema kienet biex kumpaniji reġistrati f'Malta jew persuni li jaħdmu għal rashom li kellhom bżonn għajnuna mill-gvern setgħu jkomplu joperaw minkejja d-diffikultajiet li sabu matul il-pandemija. Din l-iskema ppermettiet id-differiment ta' diversi tipi ta' taxxi, inkluż it-taxxa fuq il-valur miżjud.

12. Fil-lista ta' termini u kundizzjonijiet ippubblikata fuq il-website tal-Kumissarju tat-Taxxi, dehret fost affarijiet oħra esklużjoni mill-iskema li għaliha rreferiet l-Ilmentatriċi. L-esklużjoni tgħid illi:

> *Specifically excluded: Companies and self-employed persons which have failed to comply with their tax obligations (submission of documents / returns and payments) falling due by the 31st December 2019 and who opted to pay VAT under the Mini One Stop Shop (MOSS).*

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

13. Diġa' kelli okkażjoni nikkunsidra talba mingħand persuna li kienet soġġetta għall-Att Dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika sabiex ninvestiga l-imġieba tagħha. F'dak il-każ kont ikkunsidrajt l-artikolu 13(1)(b) tal-Att, li jagħti s-setgħa lill-Kummissarju għall-Istandards li jinvestiga każ sew fuq l-inizjattiva tiegħu stess u sew fuq "*allegazzjoni bil-miktub ta' xi persuna*". Għaldaqstant kont iddeċidejt li:

> *ma jidhirlix li nkun qed neċċedi s-setgħat mogħtija mil-liġi jekk nagħżel li nibda investigazzjoni fuq talba li ssirli għal dan il-għan anki jekk it-talba ma tistax titqies formalment bħala allegazzjoni.*
>
> *Għalhekk, l-Att ma jidhirx li jimpedini mill naċċetta li ninvestiga aġir ta' persuna soġġetta għall-Att fil-każ li t-talba għall-investigazzjoni tiġi minn dik il-persuna stess. Biss, jiena konxju tal-perikolu li talbiet simili jistgħu isiru għal skopijiet politiċi, ta' pubbliċità personali jew ta' natura oħra, u ċertament għandi nuża kawtela kbira sabiex ma nħallix lil min jinqeda b'dan l-uffiċċju għal finijiet simili.*[4]

[4] Paragrafi 8 u 9 tad-deċiżjoni dwar l-ilment nru. 065, maħruġ fl-10 ta' Novembru 2020 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Decision-Jason-Azzopardi.pdf.

14. Fil-każ preżenti, barra mit-talba għal investigazzjoni mingħand is-Sur Thake għandi wkoll ilment mingħand l-Onor. Galea. Biss, bis-saħħa tal-każ preċedenti qiegħed nibbaża l-investigazzjoni tiegħi sew fuq l-ilment tal-Onor. Galea u sew fuq it-talba tas-Sur Thake.

15. Għal dawn ir-raġunijiet iddeċidejt li l-ilment jimmerita investigazzjoni taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta). L-artikolu rilevanti huwa l-artikolu 22(1) tal-Att li jirreferi għal allegazzjoni li "*tidher li prima facie tkun saret kontra dak li trid il-liġi*" jew "*tkun prima facie kisret xi dmir statutorju jew etiku kif previst taħt dan l-Att jew kull liġi oħra*".

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

16. Innutajt illi fid-9 ta' Jannar 2022, ġie rappurtat fit-*Times of Malta*[5] illi s-Sur Thake issosspenda ruħu mill-grupp parlamentarti tal-Partit Nazzjonalista, u rriżenja mix-Shadow Cabinet tal-istess partit.

17. Fl-14 ta' Jannar 2022, ġie rappurtat[6] illi s-Sur Thake kien ser jirriżenja mill-kariga ta' Deputat Parliamentari in vista tar-rapporti dwar it-tmexxija tal-kumpaniji tiegħu u taxxa li kienet dovuta mill-kumpaniji.

18. Fil-14 ta' Jannar 2022, jiena ktibt lis-Sur Thake fejn informajtu illi kont irċevejt ilment fil-konfront tiegħu dwar l-istess allegazzjonijiet li għalihom irrefera hu fit-talba tiegħu għal investigazzjoni, u rreferejt għall-artikolu 22(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika bħala d-dispożizzjoni relevanti.

19. Jiena tlabtu jikkjarifika l-perjodu li għalih kienet tappartjeni il-VAT mhux imħallsa, kemm kien l-ammont ta' VAT dovut għal kull sena u għalfejn il-VAT ma tħallsitx. Tlabtu wkoll jikkjarifika jekk kiens qatt applika formalment għall-iskema għad-differiment tat-taxxa, u għalfejn qatt ma ġew ssottomessi l-kontijiet annwali tal-kumpaniji tiegħu. Fl-aħħar, tlabtu jiddikjara jekk kellux negozji oħra minbarra t-tnejn li ssemmew fil-gazzetti.

20. Is-Sur Thake weġibni fis-27 ta' Jannar 2022 permezz ta' email (annessa u mmarkata bħala Dokument D), fejn irrisponda għad-domandi tiegħi u spjega

---

5 Ara https://timesofmalta.com/articles/view/david-thake-suspends-himself-from-pn-parliamentary-group-pending.926653

6 Ara https://timesofmalta.com/articles/view/thake-to-resign-as-mp-after-vat-revelations.927556

illi l-problema ewlenija taż-żewġ kumpaniji kienet nuqqas ta' likwidità, li għalhekk fissret illi ma ħallsux il-VAT meta suppost. Fil-każ ta' Kumpanija A, il-problemi tagħha bdiet meta klijenti tagħha ma baqgħux joperaw, u eskalaw meta bdiet il-pandemija. Fil-każ tal-istess kumpanija s-Sur Thake sostna illi ma kellhiex stampa ċara ta' kemm kienet dovuta VAT, dan peress illi l-aħħar statement uffiċjali li rċeviet mid-Dipartiment tat-Taxxa kienet fl-2016. Barra minn dan, is-Sur Thake sostna illi Kumpanija A qatt ma ntalbet biex tħallas il-VAT li kienet dovuta, dan peress illi hu kien għadu fil-proċess li jiġi f'arranġamenti rilevanti mad-Dipartiment tat-Taxxa.

21. Ikkonferma illi l-VAT dovuta minn Kumpanija B kienet fl-ammont ta' €502,315 u li dan l-ammont, li akkumula bejn Marzu 2020 u Awwissu 2021, kien kollu jaqa' taħt l-iskema għad-differiment tat-taxxa, liema taxxa kienet ser tiġi imħallsa f'Mejju 2022.

22. Fir-rigward tal-kontijiet annwali taż-żewġ kumpaniji, is-Sur Thake sostna illi s-sottomissjoni tal-informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet tħalliet f'idejn terzi li m'għamlux ix-xogħol li kienu inkarigati bih, u sussegwentement ġew sostitwiti minn persuni oħra. Qal li l-kontijiet annwali mis-sena 2012 sa 2020 kienu ser jiġu sottomessi sa Frar tal-2022.

23. Barra minn dan, is-Sur Thake ikkonferma illi ż-żewġ kumpaniji kienu applikaw taħt l-iskema għad-differiment tat-taxxi, u ż-żewġ applikazzjonijiet kienu ġew aċċettati mill-awtoritajiet.

24. B'risposta għad-domanda tiegħi dwar jekk kellux involviment f'negozji oħra, is-Sur Thake qal li huwa azzjonista f'kumpanija oħra (Kumpanija Ċ) fl-ammont ta' 50% tal-ishma, iżda din il-kumpanija ma toperax. Il-kontijiet annwali ta' dik il-kumpanija kienu kollha ssottomessi fil-ħin.

25. Fit-8 ta' Frar 2022 erġajt ktibt lis-Sur Thake fejn tlabtu jipprovdini b'kopji tal-korrispondenza mid-Dipartiment tat-Taxxa li tikkonferma illi Kumpanija A u Kumpanija B ingħataw awtorizzazzjoni għad-differiment tat-taxxa.

26. Fis-16 ta' Frar is-Sur Thake reġa' kitibli (email annessa u mmarkata bħala Dokument E) u pprovdieni b'kopji tan-notifiki li rċieva wara li applika għall-iskema għad-differiment tat-taxxa f' April tal-2020 (annessi bħala Dokumenti F u G) kif ukoll il-korrispondenza li rċieva mingħand id-Dipartiment tat-Taxxa (annessi bħala Dokumenti H u I) li juru li rċieva l-approvazzjoni għad-differiment tat-taxxi għal żewg kumpaniji taħt il-*COVID-19 Fiscal Assistance – Tax Deferral Scheme* f'Lulju tal-2020.

27. L-approvazzjonijiet in kwistjoni ma jsemmux isem il-kumpaniji, però ġaladarba s-Sur Thake ipprovdieni b'kopji ta' żewġ approvazzjonijiet b'numri tal-applikazzjoni differenti, jiena m'għandix għalfejn niddubita illi dawn jikkorrispondu mal-applikazzjonijiet li ssottomettew iż-żewġ kumpaniji tiegħu.

28. Sussegwentement jiena ltqajt mas-Sur Thake fid-29 ta' Lulju 2022. F'din il-laqgħa is-Sur Thake talabni sabiex fir-rapport tiegħi jiena ma nsemmix il-kumpaniji tiegħu bl-isem peress illi huma mhumiex soġġetti għall-investigazzjoni, u sabiex ma ssirilhomx iktar ħsara billi diġà kienu sofrew danni minħabba l-pubbliċità li kien ġab miegħu il-każ. Jiena ma nħossx li għandi niċċensura l-Ilment jew il-korrispondenza l-oħra li hija riprodotta ma' dan ir-rapport, apparti mill-fatt li r-rapporti li dehru fil-midja kollha għadhom fid-dominju pubbliku. Madanakollu, jiena evitajt li nagħmel riferenza għall-ismijiet tal-kumpaniji fil-kontenut ta' dan ir-rapport u għal din ir-raġuni rriferejt għalihom bħala Kumpaniji A, B u Ċ.

**Konsiderazzjonijiet**

29. L-approvazzjonijiet li ngħataw mill-Kummissarju għat-Taxxa jindikaw illi d-differiment tat-taxxa ngħatat a bażi ta' dikjarazzjonijiet li għamlu r-rappreżentanti tal-kumpaniji applikanti, u li l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kienet soġġett għall-fatt li kwalunkwe bilanċ tat-taxxa li kien fadal kellu jitħallas mill-kumpaniji sal-31 ta' Mejju 2021, u kwalunkwe prospetti pendenti jiġu sottomessi sal-istess data. Ninnota li l-Ilmentatriċi tgħid illi "*[w]ieħed irid jara wkoll jekk [is-Sur Thake] kienx eleġibbli għall-iskemi li qed jinħeba warajhom minħabba n-nuqqasijiet tal-imgħoddi*".

30. Fl-email tiegħu tas-16 ta' Frar 2022, is-Sur Thake qal illi: *"Minn informazzjoni li ingħatajna mingħand id-dipartiment tat-taxxi, l-iskema ingħatat lil kull min applika, basta il-posizzjoni ta' pendenzi ta' filings ta' accounts etc, ikun aġġornat sal-ġurnata li tintemm din l-iskema."*

31. Fin-nuqqas ta' provi a kuntrarju ta' dan, wieħed jassumi jew li l-awtoritajiet tat-taxxa awtorizzaw id-differiment tat-taxxa tal-kumpaniji tas-Sur Thake, u dan filwaqt illi hu kien fil-proċess li jirranġa għall-ħlas ta' dik it-taxxa li kienet għadha pendenti, jew forsi li d-dipartiment responsabbli għall-amministrazzjoni ta' din l-iskema ma kkonfermax l-istatus tal-kumpaniji li applikaw qabel ma ingħatat l-awtorizzazzjoni għad-differiment tat-taxxi. Hekk jew hekk jidher li d-differiment tat-taxxa għaż-żewġ kumpaniji ġie approvat xorta mid-Dipartiment tat-Taxxa.

32. Fir-rigward tal-allegazzjoni illi "*id-deputat parlamentari jipprova jinħeba wara l-pandemija […] deher ċar li hemm nuqqasijiet li jmorru lil hinn mill-pandemija. Fi kliem ieħor ħlas ta' taxxa li kellu jsir qabel feġġet il-pandemija, li l-Onorevoli Thake qiegħed jinħeba warajha*", ninnota illi fis-sottomissjonijiet li għamel, is-Sur Thake ammetta illi ċerti ammonti ta' VAT kienu diġà dovuti fil-każ ta' Kumpanija A, u dan minn qabel żmien il-pandemija. Is-Sur Thake ma jiċħadx illi t-taxxa li kienet dovuta kellha titħallas qabel ma ġiet fis-seħħ l-iskema għad-differiment tat-taxxa, u fil-fatt kien fil-proċess li jidħol f'arranġament mal-awtoritajiet għall-ħlas tat-taxxa dovuta.

33. Is-Sur Thake ammetta ukoll illi d-dokumentazzjoni li kellhom jissottomettu Kumpanija A u Kumpanija B baqgħu pendenti sakemm hu ssostitwixxa t-terzi persuni li kienu qed jieħdu ħsieb dan ix-xogħol. Dan il-punt però għandu jiġi nkwadrat fl-istampa fejn is-Sur Thake kellu jerfa' r-responsabbiltà bħala direttur u azzjonista tal-kumpaniji biex jassigura illi l-kumpaniji jibqgħu aġġornati mal-awtoritajiet u jimxu skont il-liġi.

34. Jirriżulta mis-sottomissjonijiet tas-Sur Thake illi teżisti kumpanija oħra, Kumpanija Ċ, li huwa responsabbli għaliha. Biss, din il-kumpanija ma ġietx inkluża fid-dikjarazzjoni tal-assi li ssottometta s-Sur Thake għas-sena 2020 bħala deputat parlamentari. Din il-kumpanija kellha tiġi inkluża fid-dikjarazzjoni tal-assi anki jekk ma kinitx qed topera.

35. Fil-laqgħa tiegħi tad-29 ta' Lulju, is-Sur Thake ammetta dan in-nuqqas u qal li kien nesa jinkludi Kumpanija Ċ fid-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu peress li din il-kumpanija ma kinitx attiva. Hi x'inhi r-raġuni, jibqa' l-fatt illi is-Sur Thake naqas mid-dover tiegħu li jiddikjara dik il-kumpanija fid-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu bħala deputat parlamentari, bi ksur tal-artikolu 5(1)(ċ) tal-Kodiċi tal-Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

36. Fl-istess laqgħa is-Sur Thake kkjarifika illi isa dakinhar, l-affarijiet ta' Kumpanija A kienu ġew in linea mal-liġi, filwaqt illi l-affarijiet ta' Kumpanija B kienu għadhom pendenti sakemm id-Dipartiment tal-VAT jikkonkludi l-kalkoli tiegħu. Però sostna li t-taxxa dovuta minn Kumpanija B kienet kollha mill-perjodu tal-pandemija, allura xorta kienet taqa' taħt l-iskema tad-differiment tat-taxxa. Is-Sur Thake ammetta illi n-nuqqas kbir fil-każ ta' Kumpanija B kien in-nuqqas ta' sottomissjoni tal-kontijiet annwali.

**Konklużjonijiet**

37. In-nuqqasijiet li s-Sur Thake wera fit-tmexxija tal-kumpaniji tiegħu jammontaw fil-fatt għal ksur tal-liġi, tant hu hekk illi hu stess beda l-proċess sabiex jiġi f'arranġament mal-awtoritajiet tat-taxxa għall-ħlas tat-taxxa dovuta. Huwa ammetta illi d-dokumentazzjoni tal-kumpaniji kellha tiġi aġġornata.

38. Jidher b'mod ċar illi l-prattiċi amministrattivi ħżiena tal-kumpaniji li fihom kien involut u li għalihom kien responsabbli s-Sur Thake ma kinux riċenti. Anzi, jidher illi ċerti nuqqasijiet bdew fl-2012 u bdew jiġu rranġati biss din is-sena, fid-dawl tal-pubbliċità li rċevew dawn il-kumpaniji tas-Sur Thake.

39. Dan il-każ jittratta dwar l-imġieba tas-Sur Thake fil-kapaċità privata tiegħu bħala persuna involuta fil-kummerċ, mhux fil-kapaċità pubblika li kellu dak iż-żmien bħala deputat parlamentari. Hija l-prattika tiegħi li bħala regola ġenerali m'għandix ninvestiga mġiba ta' deputati jew ministri fil-kapaċità personali tagħhom, sakemm din l-imġieba ma tkunx relatata imqar indirettament mal-irwol pubbliku tagħhom. Dan il-każ jirrappreżenta eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali billi jittratta dwar ħlas ta' taxxa. Id-deputati parlamentari għandhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor fejn tidħol l-osservanza tal-liġijiet dwar it-taxxa. Dan huwa rifless indirettament fl-artikolu 13(1)(a) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li jimponi fuqi d-dover li nivverifika d-dikjarazzjonijiet dwar dħul, assi u interessi li jsiru minn deputati parlamentari taħt l-istess Att "*jew kull liġi oħra*", inkluż allura l-liġijiet dwar it-taxxa. Għalhekk ma nistax niċħad l-ilment fuq il-bażi li jittratta dwar sempliċi każ ta' imġiba privata.

40. Nifhem li hija prattika komuni li intrapriżi jaqgħu lura fil-ħlas ta' taxxa sabiex jikkonservaw il-cash flow tagħhom fi żminijiet ta' diffikultà jew anki sabiex iġemmgħu il-flus għal xi investiment li jkun bi ħsiebhom jagħmlu, u din il-prattika tidher li hija ttollerata mill-awtoritajiet. Biss, deputat parlamentari għandu jagħti eżempju tajjeb u għandu jevita li jġib ruħu b'mod oġġezzjonabbli anki jekk tali mġiba hija komuni da parti ta persuni privati.

41. Barra minn dan, in-nuqqas ta' inklużjoni ta' kumpanija li fiha s-Sur Thake kellu interess fid-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu huwa ksur dirett ta' obbligu etiku li huwa kellu proprju bħala deputat parlamentari.

42. Għaldaqstant hija l-konklużjoni tiegħi li dan il-każ jirrappreżenta ksur da parti tas-Sur Thake, dak iż-żmien deputat parlamentari, tal-artikolu 22(1) tal-

Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika u l-artikolu 5(1)(ċ) tal-Kodiċi tal-Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

43. Is-Sur Thake irriżenja minn deputat parlamentari qabel l-elezzjoni ta' Marzu 2022 u ma kkontestax l-istess elezzjoni. Fid-dawl ta' dan, u tal-fatt li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-fatti tal-Ilment, ċioe illi taxxa kienet dovuta u li nuqqasijiet saru fid-sottomissjoni ta' dokumentazzjoni tal-kumpaniji, waqt il-laqgħa tad-29 ta' Lulju 2022 jiena pproponejt li r-riżenja tiegħu tittieħed bħala rikonoxximent tan-nuqqasijiet tiegħu għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, u b'hekk jiena nagħlaq il-każ taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Dan l-artikolu jagħtini s-setgħa li nagħlaq każ jekk ma jkunx ta' natura gravi u l-persuna investigata tirrimedja l-ksur b'mod li jiena nqis adegwat.

44. Jiena nqis li l-każ jimmerita li jiġi trattat b'dan il-mod għal dawn ir-raġunijiet:

(a) il-fatt li hija prattika komuni li intrapriżi jaqgħu lura fil-ħlas ta' taxxa, u li dan huwa tollerat mill-awtoritajiet, jirrappreżenta ċirkostanza estenwanti f'dan il-każ għalkemm ma jeżonorax lis-Sur Thake;

(b) l-istess jgħodd għall-fatt li l-kumpanija li huwa naqas li jinkludi fid-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu ma kinitx attiva;

(ċ) ir-riżenja tas-Sur Thake minn deputat tirrappreżenta rikonoxximent pubbliku tan-nuqqasijiet tiegħu u l-ogħla prezz li seta' jħallas għat-tali nuqqasijiet bħala persuna fil-ħajja pubblika.

45. Is-Sur Thake aċċetta l-proposta tiegħi u għaldaqstant inqis il-każ magħluq.

46. Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata lill-Onor. Galea li għamlet l-ilment, kif ukoll lis-Sur Thake, u qed jintbagħat lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards għall-informazzjoni tiegħu. Kopja qed titqiegħed ukoll fuq is-sit elettroniku tal-uffiċċju tiegħi www.standardscommissioner.com.

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email tat-30 ta' Diċembru 2021 mingħand is-Sur Thake fejn talabni ninvestiga l-aġir tiegħu stess |
| Dokument B | Email tal-11 ta' Jannar 2022 mingħand l-Onor. Cressida Galea |
| Dokument Ċ | Kopja ta' paġna mis-sit elettroniku tal-Kummissarju tat-Taxxi li turi r-regoli għall-iskema għad-differiment tat-taxxa |
| Dokument D | Email datata s-27 ta' Jannar 2022 mingħand is-Sur Thake |
| Dokument E | Email datata s-16 ta' Frar 2022 mingħand is-Sur Thake |
| Dokument F | Kopja ta' notifika awtomatizzata ta' applikazzjoni numru 4832 mid-Dipartiment tat-Taxxa |
| Dokument G | Kopja ta' notifika awtomatizzata ta' applikazzjoni numru 4834 mid-Dipartiment tat-Taxxa |
| Dokument H | Kopja ta' konferma għad-differiment tat-taxxa, li rċieva s-Sur Thake fit-13 ta' Lulju 2020 |
| Dokument I | Kopja ta' konferma għad-differiment tat-taxxa li rċieva s-Sur Thake fit-13 ta' Lulju 2020 |

**Dokument A**

## Sarah Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life

**Subject:** Today's Times of Malta report on my Company's due to VAT department.

---

**From:** David Thake <[redacted]>
**Sent:** Thursday, 30 December 2021 11:18
**To:** Office <office@standardscommissioner.com>
**Cc:** Grech Bernard 1 at Parlament-MT <bernard.grech.1@parlament.mt>
**Subject:** Today's Times of Malta report on my Company's due to VAT department.

Dear Dr Hyzler,

Given the reporting of Times of Malta on my company's (Vanilla Telecoms Ltd.) pending VAT repayments, I would like to formally request for you to investigate this case to ensure that no ethical standards have been breached.

I remain fully open to explaining my position and providing all the paperwork necessary.

I fully respect your Office which is why I would like to personally insist on an investigation to ensure that my company's actions do not compromise my position as an MP.

Thanks,
David Thake

David Thake
Member of Parliament
Opposition Spokesman for the Green Economy and Capital Projects
M: +356[redacted]
E: [redacted]

**Sarah Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

**Subject:** FW: Għall-attenzjoni ta' Dr Hyzler

---------- Forwarded message ----------
From: Cressida Galea <[redacted]>
Date: 11 Jan 2022 18:08
Subject: Għall-attenzjoni ta' Dr Hyzler
To: Office <office@standardscommissioner.com>
Cc:

Għażiż Dr Hyzler,

Nagħmel riferenza għar-rappurtaġġ li deher fil-website tat-Times of Malta nhar it-30 ta' Diċembru 2021 u fil-verżjoni stampata ta' din il-gazzetta tal-istess data (verżjoni elettronika annessa), intitolati "PN MP David Thake's firm owes some € 270,000 in unpaid VAT" u "PN MP's firm has hefty bill for unpaid VAT dues".

Nirreferi wkoll għal dak li deher fil-maltatoday ta' nhar il-Ħadd 9 ta' Jannar 2022, ukoll kemm il-verżjoni stampata u elettronika (verżjoni elettronika annessa). Hawn kien irrapportat "MPs business filed no accounts for 10 years, has €550,000 VAT bill" u "David Thake's business filed no accounts for 10 years, has €550,000 VAT bill."

Jirriżulta li l-Onorevoli Thake, sid il-kumpanija Vanilla Telecoms Ltd li tagħha hu direttur u azzjonist uniku, naqas milli jħallas is-somma qawwija ta' € 270,440 dovuta bħala VAT, liema somma tinkludi penali u interessi. Dan ir-reat kontinwat jammettieh il-membru parlamentari nnifsu fil-kummenti li ta lill-ġurnalisti. L-Onorevoli Thake huwa wkoll sid, u għalhekk responsabbli min-nuqqasijiet tal-kumpanija Maltashopper Ltd li dwarha rrapportaw il-ġurnali tal-Ħadd 9 ta' Jannar.

Bejn iż-żewġ kumpaniji qed nitkellmu fuq iktar minn €820,000 f' VAT mhux imħallas.

Minn dak irrapportat, jirriżulta li l-misappropriazzjoni ta' VAT ilha għaddejja snin.

Għalkemm id-deputat parlamentari jipprova jinħeba wara l-pandemija, mir-rapportaġġ deher ċar li hemm nuqqasijiet li jmorru lil hinn mill-pandemija. Fi kliem ieħor ħlas ta' taxxa li kellu jsir qabel feġġet il-pandemija, li l-Onorevoli Thake qiegħed jinħeba warajha. Wieħed irid jara wkoll jekk kienx eleġibbli għall-iskemi li qed jinħeba warajhom minħabba n-nuqqasijiet tal-imgħoddi (regoli annessi)

Ċertament li dak żvelat mhux kompatibbli ma' mġieba mistennija minn membru parlamentari.

Permezz tal-kumpaniji tiegħu, l-Onorevoli Thake żamm għalih innifsu mijiet ta' eluf ta' Ewro miġbura minnu mingħand in-nies, fuq medda ta' żmien, f'isem il-Kummissarju tat-Taxxi. L-Onorevoli Thake kellu responsabilita' personali li jiżgura li l-ħlasijiet ta' taxxa jiġu effetwati, liema ħlasijiet jidher biċ-ċar li ma sarux.

L-aġir tal-Onorevoli Thake jassumi dimensjoni oħra għaliex bħala membru parlamentari li konsistentement jitkellem fuq il-governanza, wieħed jistenna li jipprattika dak li tant jisħaq fuqhu.

Għalhekk nitolbok sabiex tinvestiga dan il-każ, ai termini tal-artikoli 13(1) u 22 (1) (a) u (b) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kap 570 tal-liġijiet ta' Malta, b'riserva għal kull infrazzjoni oħra li tista' tirriżultalek.

Inselli għalik,

Cressida Galea

# COVID-19 Fiscal Assistance - Postponement of Payment of Certain Taxes

Publication Date: Mar 20, 2020

Tax Deferral Scheme:

1. **Objective**: to improve business liquidity by easing pressures on their cash flow arising from the economic impact of the coronavirus pandemic and encourage the retention of employees
2. **Eligible Taxes**: Provisional tax, social security contributions of self-employed persons and Value Added Tax***
3. **Period covered**: Eligible taxes which fall due in August 2020 up to and including December 2021. ***
4. **Settlement period**: The settlement of eligible taxes will start from May 2022. ***
5. **Benefit**: No interest or penalties to be charged in respect of eligible taxes that would have been deferred in terms of this scheme.
6. **Beneficiaries**: Companies and self-employed persons that suffer a significant downturn in their turnover as a result of the economic constraints arising from the coronavirus pandemic and, as a result face substantial cash flow difficulties as identified in the online application form. Companies and self-employed persons not adversely hit are advised and encouraged not to avail themselves of this scheme. Ideally, eligible taxes should continue to be paid every month and on time because that would make for good business management.
7. **Significant downturn in turnover**: Without prejudice to the right of each enterprise to prove a "significant downturn in turnover" in its specific circumstances, a drop of circa 25% or more in sales registered would certainly satisfy this condition. This would be ascertained on the basis of a 3 month period in which March would be either the first or the second month, i.e. either from February to April or else from March to May 2020 as compared with the same period of 2019. Naturally, this would in part be based on estimates but as long as such estimates are drawn up in a reasonable manner then they should suffice. Enterprises claiming this benefit should keep records of these estimates.
8. **Specifically excluded**: Companies and self-employed persons which have failed to comply with their tax obligations (submission of documents / returns and payments) falling due by the 31st December 2019 and who opted to pay VAT under the Mini One Stop Shop (MOSS).
9. **Forfeiture of benefit**: The benefit granted under this scheme shall be forfeited if the beneficiary is found to be in breach of any of its terms and conditions making use of this scheme under false pretences. In case of forfeiture, beneficiaries will have to settle their dues as demanded by the Commissioner for Revenue and such payments shall be subject to interest or penalties as stipulated by law.
10. **Submissions**: the benefit granted under this scheme shall not remove the obligation of beneficiaries to submit documents and returns by the due date as required by law.
11. **How to apply**: One is required to complete and submit an online application form available on the Malta Enterprise website. Such application is to be made not later than the 15th May 2021. Companies and self- employed persons that had already appplied for deferment of eligible taxes for March 2020 to August 2020 do not need to re-apply as they will automatically be considered for the extended period till December 2021. ***

*** Updated on the 05/04/2021

** Updated on the 14/07/2020

* Updated on the 30/04/2020

Back to Top

Rate This Page

Subscribe to Similar Pages

Tweet Share

Tweet

**Sarah Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

**Subject:** FW: Today's Times of Malta report on my Company's due to VAT department.

**From:** David Thake <[redacted]>
**Sent:** Thursday, 27 January 2022 14:44
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Subject:** RE: Today's Times of Malta report on my Company's due to VAT department.

Ghaziz Dr. Hyzler,

B'referenza goal-ittra tieghek tal-14 ta' Jannar 2022 u b'risposta ghall-mistoqsijiet tieghek, inwiegeb kif gej:

Biex nirrispondi ghad-domandi specifici maghmula lili fl-ittra:

1) Il-VAT dovut minn Vanilla Telecoms Ltd jammonta ghal €233,515 taxxa, €36,204 interessi u €722 penali ghat-total ta' €270,441. Is-snin li jirreferu ghalihom dawn il-€233,515 f'VAT huma:

| | |
|---|---|
| 2015 | 6,883 |
| 2016 | 40,241 |
| 2017 | 71,885 |
| 2018 | 24,277 |
| 2019 | 31,769 |
| 2020 | 36,381 |
| 2021 | 22,078 |
| Total | 233,515 |

Il-VAT dovut minn Maltashopper Ltd jammonta ghal €502,315 ghall-perjodu minn Marzu 2020 ghall Awissu 2021 u jifforma parti minn skema ta' diferiment ta' taxxa (COVID) fejn din it-taxxa hija dovuta f'Mejju ta' 2022.

2) Ir-raguni hija dik ta' nuqqas ta' likwidita'. Fil-kas ta' Vanilla din bdiet meta bdew jaghalqu u jamalgamaw xi kumpanniji tal-gaming li kienu klijenti taghha. Il-problema eskalat meta bdiet il-pandemija.x il-kumpanniji zammew l-impjegati taghhom, kellha tigi stabilita prirorita' fi hlasijiet li sa certu punt gie rifless ukoll fil-fatt illi taxxa ma thassetx f' waqtha. Raguni ohra rigward il-Vanilla Telecoms hija li ma kellix gharfien komplet dwar il-VAT dovuta ta' qabel il-pandemija. L-ahhar statement ufficjali mahrug mid-dipartiment tal-VAT kien fl-2016.

Madankollu f'Dicembru, qabel ma harget l-istorja fil-media, konna diga qedin f'diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-VAT sabiex isir arrangament halli jithallas lura l-VAT dovut fuq numru ta' snin.

Vanilla qatt ma ntalbet thallas xi VAT li kien b'lura u sal-gurnata tal-lum ma gejniex mijluba naghmlu dań anki ghalhiex qeghdin niffinalizzaw repayment programme.

3) Iva saret applikazzjoni formali fuq iz-zewg kumpaniji, liema applikazzjoni giet accettata kif jidher car mill-tax statements li jinstabu fuq il-website tad-dipartiment tat-taxxa kif wkoll kif irrizultalna minn laqghat mad-dipartiment.

4) Is-sotomissjoni ta' informazzjoni lir-Registratur kien gie imholli f' idejn it-terzi. Is-sena li ghaddiet kien sar car ghalija illi dawn it-terzi ma kienux qeghdin jaghmlu kull ma kellhom – inkluz ghalhekk dawn is-sottomissjonijiet – u gew sostitwiti bi persuna ohra illi giet imqabbda ukoll biex taghmel dawn is-sottomissjonijiet. Dan il-process issa wasal fi tmiemu u l-accounts mill-2012 sa 2020 se jigu sottomessi sa nofs ix-xhar ta' Frar 2022. Kif jigu

sottomessi, jien nibghatlek l-acknowledgements immedjatament.

5) Ghandi shareholding u directorship f'kumpanija ohra li m'hix topera. Din jisimha Davmar Holdings Ltd (50% shareholding), u li s-sottomissjonijiet taghha ta' taxxa u accounts jinsabu in regola.

Naghlaq bill infakkar li wara li inqala dan il-kas u sabiex ma ntellifx mix-xoghol siewi li kienet u ghadha qed taghmel l-Oppozizzjoni fil-glieda taghha ghal Governanza tajba u kontabilta mill-politici, ghazilt li nirrezenja mill-kariga tieghi bhala Membru Parlamentari.

Nirringrazzjak ghax-xoghol siewi li inti dejjem ghamilt u li ghadek taghmel ghal pajjizna u inselli ghalik.

David Thake

former Member of Parliament

M: +356[redacted]

E: [redacted]

On Jan 27, 2022, 10:27 AM +0100, David Thake <[redacted]>, wrote:

Il-VAT dovut minn Maltashopper Ltd jammonta ghal €502,315 ghall-perjodu minn Marzu 2020 ghall Awissu 2021 u jifforma parti minn skema ta' diferiment ta' taxxa fejn din it-taxxa hija dovuta f'Mejju ta' 2022.

2) Ir-raguni (delete principali) hija dik ta' nuqqas ta' likwidita'. Fil-kas ta' Vanilla din bdiet meta bdew jaghalqu u jamalgamaw xi kumpanniji tal-gaming li kienu klijenti taghha. Il-problema eskalat meta bdiet il-pandemija. Sabiex il-kumpanniji zammew l-impjegati taghhom, kellha tigi stabilita prirorita' fi hlasijiet li sa certu punt gie rifless ukoll fil-fatt illi taxxa ma thassetx f' waqtha. Raguni ohra rigward il-Vanilla Telecoms hija li ma kellix gharfien komplet dwar il-VAT dovuta ta' qabel il-pandemija. L-ahhar statement ufficjali mahrug mid-dipartiment tal-VAT kien fl-2016. Madankollu f'Dicembru, qabel ma harget l-istorja fil-media, konna diga qedin f'diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-VAT sabiex isir arrangament halli jithallas lura l-VAT dovut fuq numru ta' snin.

Vanilla qatt ma ntalbet thallas xi VAT li kien b'lura u sal-gurnata tal-lum ma gejniex mijluba naghmlu dań anki ghalhiex qeghdin niffinalizzaw repayment programme.

3) Iva saret applikazzjoni formali fuq iz-zewg kumpaniji, liema applikazzjoni giet accettata.

4) Is-sotomissjoni ta' informazzjoni lir-Registratur kien gie imholli f' idejn it-terzi. Is-sena li ghaddiet kien sar car ghalija illi dawn it-terzi ma kienux qeghdin jaghmlu kull ma kellhom – inkluz ghalhekk dawn is-sottomissjonijiet – u gew sostitwiti bi persuna ohra illi giet imqabbda ukoll biex taghmel dawn is-sottomissjonijiet. Dan il-process issa wasal fi tmiemu u l-accounts mill-2012 sa 2020 se jigu sottomessi sa nofs ix-xhar ta' Frar 2022. Kif jigu sottomessi, jien nibghatlek l-acknowledgements immedjatament.

5) Ghandi shareholding u directorship f'kumpanija ohra li m'hix topera. Din jisimha Davmar Holdings Ltd (50% shareholding), u li s-sottomissjonijiet taghha ta' taxxa u accounts jinsabu in regola.

Ghoddni dejjem tieghek.

Inselli ghalik.

## Sarah Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life

**Subject:** FW: Today's Times of Malta report on my Company's due to VAT department.
**Attachments:** Epson_16022022115936.pdf

---

**From:** David Thake <[redacted]>
**Sent:** Wednesday, 16 February 2022 13:04
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Subject:** RE: Today's Times of Malta report on my Company's due to VAT department.

Ghaziz Dr. Hyzler,

Annessa ma din l-email ghandek issib il-korrispondenza li ghandna f'idejna.

Ir-registrazzjoni fl-iskemi fienet f'idejn konsulent - Mr. Simon Vella.

Minn informazzjoni li inghatajna minghand id-dipartiment tat-taxxi, l-iskema inghatat lil kull min applika, basta il-posizzjoni ta' pendenzi ta' filings ta' accounts etc, ikun aggornat sal-gurnata li tintemm din l-iskema.

Kieku id-dipartiment ma hax din il-pozizzjoni, kien ifisser li eluf ta' kumpanniji u individwi ma kienux jistghu jiehdu din l-ghajnuna.

Inselli ghalik.

David Thake
M: +356[redacted]
E: [redacted]

**Dokument F**

Gmail

**Simon Vella <[redacted]>**

---

# Fwd: [AUTOMATED] - Tax Deferral Scheme Approval

1 message

---

**David Thake <[redacted]>** 13 July 2020 at 13:50
To: Pamela Zeineh <[redacted]>, Simon Vella <[redacted]>

David Thake
Chairman
Vanilla Telecoms Ltd & Maltashopper Ltd.

Begin forwarded message:

> **From:** "ird.services@gov.mt" <ird.services@gov.mt>
> **Date:** July 13, 2020 at 12:43:52 PM GMT+2
> **To:** David Thake <[redacted]>
> **Subject: [AUTOMATED] - Tax Deferral Scheme Approval**
>
> Dear Sir (Madam),
>
> The Commissioner for Revenue processed your application in terms of the COVID-19 Fiscal Assistance - Tax Deferral Scheme (Submission Reference: 4832), and based on your declarations has approved the deferral of taxes as requested.
>
> This approval is subject to the condition that any other pending balances to pay or any missing returns are settled by 31 May 2021.
>
> The Commissioner reserves the right to forfeit the benefit granted in terms of this Scheme as a result of a breach of any of its terms and conditions. Interest or penalties on any late payment of taxes as stipulated by law will ensue in cases of such breach.
>
> Thank you
>
> Commissioner for Revenue

**Dokument G**

Gmail

**Simon Vella <[redacted]>**

## Fwd: [AUTOMATED] - Tax Deferral Scheme Approval

1 message

**David Thake <[redacted]>**
To: Pamela Zeineh <[redacted]>, Simon Vella <[redacted]>

13 July 2020 at 13:51

David Thake
Chairman
Vanilla Telecoms Ltd & Maltashopper Ltd.

Begin forwarded message:

**From:** "ird.services@gov.mt" <ird.services@gov.mt>
**Date:** July 13, 2020 at 12:43:26 PM GMT+2
**To:** David Thake <[redacted]>
**Subject: [AUTOMATED] - Tax Deferral Scheme Approval**

Dear Sir (Madam),

The Commissioner for Revenue processed your application in terms of the COVID-19 Fiscal Assistance - Tax Deferral Scheme (Submission Reference: 4834), and based on your declarations has approved the deferral of taxes as requested.

This approval is subject to the condition that any other pending balances to pay or any missing returns are settled by 31 May 2021.

The Commissioner reserves the right to forfeit the benefit granted in terms of this Scheme as a result of a breach of any of its terms and conditions. Interest or penalties on any late payment of taxes as stipulated by law will ensue in cases of such breach.

Thank you

Commissioner for Revenue

**Dokument H**

Gmail

**Simon Vella** <[redacted]>

**[AUTOMATED] - Registration for Tax Deferral Scheme**
2 messages

**ird.services@gov.mt** <ird.services@gov.mt> 4 April 2020 at 18:01
To: [redacted]

CFR Online Services

**Registration for Tax Deferral Scheme**

4/4/2020

Submission Reference Number: 4832

The Commmissioner for Revenue acknowledges the submission of application for the Tax Deferral Scheme for the following registration numbers:

**993596432,516759,17307535**

In case of breach of the scheme's conditions the Commissioner for Revenue may refuse participation in this scheme or else to withdraw any benefits from this scheme.

Thank you for using CFR Services Online.

**ird.services@gov.mt** <ird.services@gov.mt> 4 April 2020 at 18:21
To: [redacted]

CFR Online Services

---

**Registration for Tax Deferral Scheme**

4/4/2020

Submission Reference Number: 4834

The Commmissioner for Revenue acknowledges the submission of application for the Tax Deferral Scheme for the following registration numbers:

**995622824,382651,20511424**

In case of breach of the scheme's conditions the Commissioner for Revenue may refuse participation in this scheme or else to withdraw any benefits from this scheme.

Thank you for using CFR Services Online.